Dun Pankrazju Cafor (ċ. 1575)

Qassis minn Ħal Kirkop

Horatio Caesar Roger Vella*

Għal sena oħra l-Professur Vella jeħodna lura għal żmien imbiegħed u jwasslilna artiklu mill-aktar interessanti dwar qassis Koppi attiv fis-snin tat-twaqqif tal-Parroċċa Matriċi ta' San Leonardu ta' Ħal Kirkop fl-1592.

Jekk Ħal Kirkop din is-sena ċċelebra l-422 sena minn mindu sar Parroċċa, dan nafuh għall-uniku qassis minn Ħal Kirkop li seta' ħadem u rsista mal-Kurja biex ir-raħal tiegħu jsir awtonomu. Dan kien Dun Pankrazju Cafor, jew, kif miktub ukoll, Dun Brankatu Gafà. Dan mhuwiex l-istess Dun Pankrazju Cafor minn Għawdex u li miet fl-1548,[1] għalkemm jien kważi ċert li kien kuġinuh u li r-razza ta' Cafor ġejja minn Għawdex.

Il-kunjom Cafor *sive* Cafur insibuh fil-forma Latina tiegħu bħala "Caffarius" ġa fis-sena 1374 kif jidher isem ta' gabillot Għawdxi li kellu jħallas il-qbiela lill-Kanċellerija ta' Messina permezz tas-Segretarju ta' Għawdex.[2]

Dun Pankrazju Cafor *sive* Brankatu Gafà twieled qabel l-1550, u għalhekk ismu ma jidhirx fl-ewwel reġistru ta' Birmiftuħ. L-ewwel familji li jissemmew bil-kunjom ta'"Cafor" minn Ħal Kirkop u li kellhom it-tfal f'Ħal Kirkop mgħammdin f'Birmiftuħ kienu dawn, bit-tfal tagħhom:

Ġwanni Cafor-Pawla: Marjetta (20.8.1559)

Mikiel Cafor-Iżabella: Valerju (6.5.1561), Antonju (8.8.1563), Petronilla (3.11.1566), Klement (12.12.1568), Pankrazju (15.7.1571), Duminku (17.11.1573), Duminka (28.4.1577), Margerita (29.5.1582)

Antonju Cafor-Grazzja [Azzopardi]:[3] Paskal (21.4.1590)

Pietru Cafor-Bernarda: Anġlu (5.4.1592)

Valerju Cafor-Katerina: Valenzja (17.7.1592).[4]

Jidher ċar li l-ewwel koppja li tissemma f'din il-lista hija dik ta' Ġwanni Cafor u Pawla li kellhom l-aħħar tarbija, jekk mhux l-unika, f'Awwissu tal-1559. Dan seta' irriżulta li Pawla mietet, u li Ġwanni reġa'iżżewweġ li Ġovanna Cassar, bint Bastjan, f'Birmiftuħ, fis-27 ta'Lulju, 1567.[5] Ġwanni u Pawla Cafor ma setgħux kienu l-ġenituri ta' Dun Pankrazju peress li ma jidhirx li kellhom tfal qabel l-1559, u peress li Dun Pankrazju twieled qabel l-1542 (ara isfel). Wieħed irid iżomm f'rasu

wkoll li ċertu Vennera Cafor, bint Ġwanni, minn Ħal Kirkop, iżżewġet lil Petruzu Agius, ukoll minn Ħal Kirkop, f'Birmiftuħ fl-10 ta' Jannar, 1568.[6] Dan ifisser li hija twieldet madwar l-1548. Oħtha, Eleonora, iżżewġet lil Ġużeppi Cassar f'Birmiftuħ fis-27 ta' Lulju, 1567,[7] u allura twieldet madwar is-sena 1548.

It-tieni koppja li tissemma f'din il-lista hija dik ta' Mikiel Cafor u Iżabella, li kellhom l-ewwel tarbija, Valerju, fl-1561, u li f'din il-lista ġa qed jidher bħala missier ta' tarbija, Valenzja, fl-1592. Għall-istess raġuni ngħidu li Mikiel u Iżabella ma setgħux kienu l-ġenituri ta' Dun Pankrazjru, peress li l-ewwel tarbija ġiet fl-1561. Bla dubju, Mikiel Cafor kien jiġi minn Dun Pankrazju, peress li semma tarbija b'dan l-isem fl-1571. Seta' kien li dan Mikiel kien ħu Pankrazju. Peress li Mikiel kellu l-ewwel tarbija fl-1561, huwa twieleḍ madwar is-sena 1541, bħal meta seta' twieled Dun Pankrazju. Iżda min kien missierhom, nistgħu nsiru nafu biss jekk insibu ż-żwieġ ta' Mikiel ma' Iżabella, li żżewġu madwar l-1560, u jekk il-Kappillan tana isem missieru.

Dawn kienu l-uniċi koppji f'Ħal Kirkop li fil-bidu tar-reġistrazzjoni ta' Birmiftuħ (1550-1582) kellhom it-tfal f'Ħal Kirkop. Wieħed jikkonkludi minn tant ftit familji bil-kunjom ta' "Cafor" f'Ħal Kirkop li dan ir-raħal ma kienx il-bejta ta' din il-familja, u għalhekk wieħed jassumi li Dun Pankrazju, Mikiel u Ġwanni Cafor kellhom missierhom minn barra r-raħal, bħal Għawdex, kif semmejna fuq nett.

Kien hemm koppja oħra f'Ħal Kirkop f'din l-epoka bil-kunjom ta' Cafor. Nafu li r-raġel kien jismu Mikiel (ieħor), li bintu, Ġovanella, iżżewġet li Ġużeppi Zammit mill-Imqabba f'Birmiftuħ fil-21 ta' Lulju, 1576,[8] u allura huwa seta' żżewweġ qabel is-sena 1556. Peress li ebda koppja ma tissemma f'Birmiftuħ li l-missier kien jismu Mikiel u li kellu tfal qabel l-1556, u peress li Ġovanella mhux imniżżla bint Mikiel li huwa msemmi fuq, wieħed jassumi li dan Mikiel Cafor ġie minn barra r-raħal.

Dun Pankrazju Cafor jissemma fir-reġistru ta' Birmiftuħ bħala parrinu f'dawn il-magħmudijiet:

Dioniżju Scicluna (12.10.1562), Bartilmea Cassar (13.8.1563), Agata Randon (4.9.1566), Ġakbu Di Modica (1.5.1568), Ġwanni Pietru Ellul (4.9.1568), Ġovanna u Tumas Farrugia (tewmin) (17.6.1569), Duminku Imbroll (4.9.1570), Anġlu Attard (17.11.1572), Margerita Bezula (10.10.1573), Bartilmea Randon (21.2.1574) u Ġiljan Vella (27.1.1581).

Jissemma wkoll bħala Ċelebrant fil-magħmudija ta' Agata u Ġwanni Farrugia (tewmin) (24.9.1574).

Huwa jidher ukoll bħala xhud f'dawn iż-żwiġijiet li ġejjin:

Leonardu Falzon-Antonina, armla ta' Ġwanni Sciriha (Ħal Safi) (4.2.1566), Ġwanni Mizzi-Grazzja Micallef (10.3.1566), Pietru Di Otranto-Duminka Scicluna (24.11.1566), Bertu Scicluna-Betta Ellul (20.4.1567), Mikiel Bezula-Katerina Gatt (7.2.1568), Marzjanu Cassar-Agata Bonnici (7.2.1568), Lawrenz Cassar-Katerina Scicluna (15.12.1569), Indrì Farrugia-Margerita Sciriha (Ħal Safi) (29.1.1570), Franġisku Grech-Anjeża Farrugia (24.6.1570), Brizju Ellul-Duminka Caruana (Ħal Safi) (21.4.1571), Bernardu Zammit-Katerina Ellul (2.11.1572), Ġorġ Del Giante-Imperja Baldacchino (Ħal Safi (9.7.1573), ? Mifsud-Marjetta Vella (24.10.1573), Ġwanni Xacuat-Marjetta Randon (24.10.1573), Antonju Abbate-Imperja Camilleri (23.8.1574), Franġisku Pincto-Vinċenza Zahra (Ħal Safi) (19.8.1576), Ambroġju Genovese-Florja Grech (30.5.1578),

Ġwanni Pawlu Camilleri-Bernarda Bonnici (30.6.1578), Ferdinandu Cassia-Duminka Vella (7.6.1579), Lazzru Psaila-Kjara Ellul (23.10.1580) u Ġużeppi Vella-Iżabella Zammit (5.7.1586).[9]

Din l-informazzjoni tagħtina wkoll idea kemm kien magħruf u imfittex Dun Pankrazju biex ġie mitlub ikun xhud f'tant żwiġijiet u parrinu f'tant magħmudijiet. Minn din l-informazzjoni jidher ukoll li Dun Pankrazju Cafor kien attiv bħala qassis bejn l-1562 u l-1586. Kien ġa qassis qabel Awwissu, 1556,[10] u għalhekk twieled qabel l-1536, erbatax-il sena qabel ma beda l-ewwel reġistru ta' Birmiftuħ. Għal raġunijiet mhux magħrufa, l-Isqof tefgħu fil-ħabs, u dam hemm sal-10 ta' Diċembru, 1557. F'din id-data, l-Isqof ħallih joħroġ bil-kundizzjoni li jħallas ħames uqijiet.[11] Fl-24 ta' Jannar, 1567, f'Malta kien hemm laqgħa ġenerali tal-Kleru, u Dun Pankrazju kien preżenti fih.[12]

Dun Pankrazju Cafor fil-Viżta Pastorali ta' Dusina (1575)

Fl-1574, l-Isqof Pietro Dusina ġie mibgħut f'Malta u Għawdex bħala parti mit-twettiq tar-riformi li kien ġab il-Konċilju ta' Trentu, u bħala Inkwiżitur ta' Ruma biex isewwi r-relazzjoni bejn il-Gran Mastru La Cassière u l-Isqof Royas. Bħala parti mill-Viżta Pastorali tiegħu, huwa kellu jinterroga lil kull qassis u rettur ta' kull knisja dwar l-Ordnijiet Sagri, beneficċji li seta' kien qed igawdi minnhom, kemm kien kapaċi jaqra, jikteb u jifhem bil-Latin, kemm kien prattiku fl-orazzjonijiet bil-Latin, u kemm kien mgħallem fir-rubriki dwar is-sagramenti. Grazzi għal din il-Viżta Pastorali, sirna nafu xi ħaġa dwar dan Dun Pankrazju, kif jidher mill-interrogazzjonijiet li ġejjin:

Dusina (1575), f.337v.:

Comparuit donnus Pancratius Cafur prebiter Melitensis habitans in casali Percopo sub cappella Birmiftù, et docuit de quatuor ordinibus minoribus, de subdiaconatu, diaconatu, et presbiteratu; fuit eidem iniunctum quod doceat de prima tonsura infrà octo dies sub poena suspensionis.

"Deher Dun Pankrazju Cafor, qassis Malti, li joqgħod f'raħal Kirkop taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kappella ta' Birmiftuħ, u ta l-informazzjoni dwar l-erba' Ordnijiet Minuri, dwar is-Sudjokonat, id-Djakonat u l-Presbiterat: ġie mitlub lill-istess persuna li jagħti tagħrif dwar l-ewwel Tonsura fi żmien tmint ijiem taħt piena ta' sospensjoni".[13]

Hawnekk l-Isqof Dusina qiegħed isaqsi lil Dun Pankrazju dwar l-Ordnijiet Sagri kollha, li barra l-kbar, dawk tas-Suddjokonat, Diakonat u l-Presbiterat, kien hemm ukoll il-Lettorat u l-Akkolitat ippreċeduti mit-Tonsura, li kienet il-qatgħa xagħar daqs id-dawra ta' kikkra, jew ftit iżgħar, fuq l-iskutella tar-ras. L-ewwel Tonsura kienet tfisser id-daħla fis-Seminarju u l-bidu tal-ħajja kjerikali. Din it-Tonsura u l-Ordnijiet Minuri setgħu jieħduhom anke lajċi, miżżewġa jew le, jekk approvati mill-Isqof tad-Djoċesi. Nafu b'diversi kjerċi f'Malta u Għawdex li kienu lajċi, fosthom il-Beatu Nazju Falzon. Jidher hawn li Dun Pankrazju nesa meta ħa t-Tonsura, u għalhekk ġie mġiegħel jagħti d-data fi żmien tmint ijiem. Wieħed hawn jara d-dixxiplina li l-Knisja bdiet timponi wara l-laxkezza li kienet tirrenja sal-Konċilju ta' Trentu, meta l-Isqof heddet lil Dun Pankrazju li jissospendieh milli jeżerċita l-Ministeru tiegħu bħala qassis jekk ma jirrispondix fiż-żmien impost. Lil Dun Pankrazju, l-Isqof ma saqsiehx mistoqsijiet li kien qed jagħmel lil ħafna oħrajn, bħal minn fejn kellu dħul, dwar kif kien jiċċelebra l-liturġija, dwar kienx jaf Latin, u dwar saħansitra jekk kienx jaf jaqra u jikteb.

Dun Pankrazju Cafor jidher f'interrogazzjonijiet oħrajn li ser inġib hawnhekk kif ġej:

Dusina f.241v.

Donnus Pancratius Cafur presbiter Melitensis habitans in casale Percopo cappellae Birmiftù, qui medio suo juramento tactis etc. interrogatus fuit super interrogationibus presbiterorum simplicium, et primo, super,

Super primo respondit: quando hebbi la prima tonsura diedi la tovaglia al Vescovo secondo il solito, per li quattro ordini minori pagai l'elemosina[14] *fino à dece tarini al cappellano del Vescovo, per lo subdiaconato pagai altre tanto, per li diaconato, et presbiterato pure tanto per ciascuno ordine che cosi mi dimandava il cappellano del Vescovo, et me ordinai con licentia del mio Ordinario, et non hò più che scuti cinque d'entrata al quale titolo già io fui promosso. // [f.242] //*

Super żsecond/o respondit recte.

Super żterti/o negative respondit.

Super żquart/o etiam negative respondit.

Et ad interrogationem dixit: l'anno del 1573 fù publicata alla cappella del casale di Birmiftù l'indulgentia con la clausula: "porrigentes manus adiutrices".

"Dun Pankrazju Cafor, qassis Malti, li joqgħod f'Raħal Kirkop tal-Kappella ta' Birmiftuħ, li bil-ġurament kollu, wara li miss (is-salib) u l-bqija, kien interrogat dwar interrogazzjonijiet sempliċi tal-qassisin, u dwar l-ewwel (mistoqsija),

"Dwar l-ewwel irrisponda: Meta kelli l-ewwel Tonsura, tajt id-dvalja lill-Isqof skont l-użanza; għall-erba' Ordnijiet Minuri ħallast l-elemożina sa għaxar tarì lill-Kappillan tal-Isqof; għas-Suddjakonat ħallast tant oħra; għad-Djakonat u l-Presbiterat tant ieħor għal kull Ordni kif kien qed jitlobni l-Kappillan tal-Isqof, u ppaċifikajt bil-permess tal-Ordinarju tiegħi, u m'għandix iktar minn ħames skut fi dħul għal liema titlu ġa kont promoss.

"Dwar it-tieni, irrisponda tajjeb.

"Dwar it-tielet, irrisponda ħażin.

"Dwar ir-raba', ukoll irrisponda ħażin.

"U tul l-interrogazzjoni qal: fis-sena 1573, ġiet ippubblikata fil-Kappella ta' Raħal Birmiftuħ l-indulġenza bil-klawsula: "waqt li jmiddu jdejhom għall-għajnuna."

Din id-darba, il-qassisin kienu mistoqsija madwar tmintax-il mistoqsija, kollha l-istess. Grazzi għar-risposti li qassisin oħra taw lill-Monsinjur Dusina, nafu x'kienu t-tliet mistoqsijiet li Dun Pankrazju ġie mitlub jirrispondi, waħda tajba u tnejn ħżiena, iżda m'għandniex ir-risposti proprji tiegħu.

It-tieni mistoqsija kienet fuq ix-xogħol pastorali u fejn kien qed iwettqu, u fuq paċifikazzjoni mal-Isqof bħala drittijiet tiegħu minn fuq kull Ordni Sagru. Hawn jidħlu affarijiet bħal ħatriet, konkorsi fejn japplika lill-ħatra tal-Kappillani, u l-amministrazzjoni tas-Sagramenti. Jirriżulta li l-Kappillani kienu responsabbli li jqaddsu l-Ħdud u l-festi biss, u li jqaddsu fil-knejjes filjali meta tkun il-festa tal-qaddis. Dan ifisser li f'Ħal Kirkop, il-Kappillan ta' Birmiftuħ, bħalma kien

Dun Bartilmew Mangion, kien jiġi biss għall-festi ta' San Leonardu, San Ġakbu, San Nikola, San Ġwann il-Battista, l-Assunta, il-Lunzjata u Santa Anastasja. Ma rridux ninsew li f'kull raħal seta' kien hemm saċerdoti tal-post, bħalma kien Dun Pankrazju Cafor li kien mistenni jqaddes fil-knisja prinċipali tar-raħal darba l-Ħadd u jamministra s-Sagramenti tal-qrar u tal-griżma tal-morda. Dun Pankrazju ma kienx Kappillan, u għalhekk it-tweġiba tiegħu kienet tikkonċerna biss x'kellu jagħti lill-Isqof ma' kull Ordni Sagru.

It-tielet mistoqsija kienet jekk u kemm kien jaqla' fl-amministrazzjoni tas-Sagramenti, bħal quddies, qrar u griżma tal-morda. Mid-dehra, Dun Pankrazju jew qal li ma kien jieħu xejn, ħaġa mhix aċċettabbli, jew, inqas probabbli, kien jitlob lill-fidili flus jew affarijiet biex jitħallas bihom iktar mir-rata, ħaġa wkoll mhix aċċettabbli. L-elemosina kienet aċċettabbli biss għall-quddies skont ir-rata ta' karlin, għaż-żwieġ ħames karlini, għall-kunsens taż-żwieġ tiġieġa, u mal-mewt karlin għall-qrar, ħmistax-il gran għall-griżma tal-morda u tliet tarì għad-difna.

Ir-raba' mistoqsija kienet fuq il-każijiet riżervati tal-qrar. Il-qassisin kienu (u għadhom) miżmuma li jaħfru ċertu dnubiet li seta' jaħfirhom biss l-Isqof. Dawn il-każijiet jiġu rriveduti minn żmien għal żmien u, f'xi każijiet, bħal Għawdex illum, jitneħħew kompletament. Hawnhekk jidher li Dun Pankrazju ma kellux il-lista ta' dawn il-każijiet.

It-titlu li għalih kien qed jirreferi Dun Pankrazju kien dak ta' patrimonju, li minħabba li kellu d-dejn mal-Isqof, ġie ffriżat sakemm radd li kellu jagħti lill-Isqof (ara isfel).

Forsi biex jimpressjona, wara d-disfatta tal-aħħar żewġ mistoqsijiet, Dun Pankrazzju kkwota Indulġenza li kien ilu jara mdendla sentejn fil-Knisja ta' Birmiftuħ li kienet tibda bil-kliem *porrigentes manus adiutrices* li kien nieda l-Papa nassumi għal kull min kien jgħin lill-proxxmu jew lill-Knisja b'mod konkret. B'hekk ried juri li kien aġġornat, u forsi salva ġieħu.

Ninnotaw hawnhekk ukoll li l-mistoqsijiet minn Dusina kienu bil-Latin, waqt li t-tweġibijiet kienu bit-Taljan. Dan juri li ħafna mill-qassisin Maltin kienu jafu t-Taljan, barra mill-Malti, imma mhux tant il-Latin. Ir-raġuni ta' dan kien mhux biss in-nuqqas ta' edukazzjoni li kienet tidher anke fost il-qassisin (ara isfel), imma wkoll kawża tal-fatt li sal-Konti Rużġieru (1091), Malta ma kellhiex Rit Latin, imma Rit Grieg, u l-Latin li ġabu n-Normanni beda dieħel biss bit-tnikkir.

Dusina f.286:

Donnus Pancratius Cafur presbiter Melitensis, fuit examinatus super eius idoneitate, et sufficientia, legit, sed non multum expedite, et quod legit non intelligit, et dicit nunquam didicisse gramaticam, et licet nunquam fuerit examinatus super confessione, nihilominus audivit saepe confessiones de licentia Domini Vicarij. // [f.286v.] //

Qui donnus Pancratius Cafur non callet rectam formam absolvendi[15]*, nec est instructus sufficienter, ideo Dominus non admisit illum ad audiendum confessiones nisi in casu necessitatis, et in subsidium parrochi.*

"Dun Pankrazju Cafor, qassis Malti, kien eżaminat fuq kemm kien adattat u mħejji: jaqra, imma mhux ħafna tajjeb, u dak li jaqra ma jifhmux, u jgħid li qatt ma tgħallem il-grammatika, u għalkemm qatt ma kien eżaminat dwar il-qrar, madankollu sema' qrar sikwit bil-permess tas-Sinjur Vigarju.

"Liema Dun Pankrazju Cafor ma jafx il-forma t-tajba biex jaħfer id-dnubiet, u lanqas ma huwa mgħallem b'mod suffiċċjenti; għalhekk, is-Sinjur ma ħallihx jisma' l-qrar jekk mhux f'każ ta' bżonn, u flok il-Kappillan."

Hawnhekk qegħdin naraw is-sitwazzjoni tipika li kienu jinsabu fiha l-imsejkna qassisin ta' Malta u Għawdex f'din l-epoka: bla tagħlim bażiku, saħansitra, illitteriżmu. Kien żmien ta' qabel il-Konċilju ta' Trentu li ġab din is-sitwazzjoni li għaliha, u għal affarijiet oħra, bħall-indulġenzi, irrisponda Luteru, u li għalih irrispondiet mill-ġdid il-Knisja permezz tal-Konċilju ta' Trentu u ta' inizzjattivi ta' qaddisin li waqqfu Seminarji biex jgħallmu sew lil dawk li kellhom ikunu qassisin. Miskin Dun Pankrazju, li wara li kellu l-permess li jqarar, issa ġie miżmum minħabba l-formula, li anke kieku ftakarha, ma kienx jifhimha!

Dusina f.472:

Donnus Pancratius Cafur solvit Episcopo pro collatione omnium ordinum tam primae tonsurae, quattuor[16] *ordinum minorum et etiam sacrorum tarenos decem pro singulo ordine, ante illorum collationem ex conventione non expectatis interstitijs temporum, et fuit promotus ad titulum patrimonij quinque scutorum tantum.*

"Dun Pankrazju Cafor ħallas lill-Isqof għat-total tal-Ordnijiet kollha, kemm tal-ewwel Tonsura, tal-erba' Ordnijiet Minuri u kemm (tal-Ordnijiet) Sagri għaxar tarì għal kull Ordni, minħabba li kellhom jingabru wara ċ-ċitazzjoni għall-intervalli mhux mistennija taż-żmien (li fihom ma tħallsux), u ġie promoss għat-titlu ta' patrimonju ħames skut biss."

Din il-kwotazzjoni tidher fl-aħħar tar-rapport ta' Mons. Dusina, li fiha tidher il-paċifikazzjoni għas-somma li Dun Pankrazju ma kienx ħallas lill-Isqof tiegħu għal kull Ordni Sagru. Hawnhekk naraw kemm il-Kleru kien qed jikkopera mal-Viżitatur Appostoliku, u kemm dan il-Viżitatur kien qed jara li l-Isqof ikollu d-drittijiet tiegħu sodisfatti, minkejja li ma laqax il-Viżta tiegħu.[17] B'hekk, issa, seta' Dun Pankrazju jgawdi minn patrimonju li permezz tiegħu kien ser idaħħal ħames skut fis-sena, kif kien mistenni meta beda jgħajjat lilu (ara fuq), mill-prodott tal-għalqa tal-patrimonju li hu kien wiret.

Minn Birmiftuħ għal Ħal Kirkop: Cafor għal Gafà

Fl-1592, Ħal Kirkop inqata' minn Birmiftuħ u sar Parroċċa taħt Dun Karlu Taliana bil-ħarsien ta' żewġ parroċċi oħra: Ħal Safi u l-Imqabba. B'hekk inbeda l-ewwel reġistru li jiena ttraskrivejt.[18] Wieħed jifhem kif xi tibdiliet ta' preżentazzjoni ta' kliem kif ukoll kunjomijiet setgħu ġew effetwati mill-pinna ta' Dun Bartilmew Mangion, ta' Birmiftuħ, għal dik ta' Dun Karlu Taliana, ta' Ħal Kirkop. U hawn għandna prova ta' żewġ fenomeni, wieħed ta' tibdil f'isem, u ieħor fil-kunjom.

Pankrazju huwa mod bil-Malti kif tesprimi l-isem Latin ta' *Pancras* jew *Pancratius*, martri Ruman midfun f'*Via Aurelia*, f'Ruma.[19] Dan l-isem ta' "Pankrazju" kellu diversi varjanti, bħal "Bankratius", "Bankrazju", "Brankatius", "Brankazju", "Brankatu" u "Brinkatu". Anke l-kunjom "Cafor" kellu l-varjanti tiegħu: "Cafur", "Gafor", "Gafur", "Gafar", "Gafan", "Gafa" li sar "Gafà" u, saħansitra, "Giafar".

Għalhekk, minn Dun Pankrazju Cafor jew Cafur tal-ewwel reġistru ta' Birmiftuħ, l-ewwel reġistru ta' Ħal Kirkop iħabbar il-mewt ta' Dun Brankatu Gafà li seħħet fl-24 ta' Diċembru, 1595. Għalkemm issa Ħal Kirkop kienet parroċċa minn tliet snin qabel, xorta Dun Pankrazju ndifen

f'Birmiftuħ.[20] Seta' kien li hemmhekk kien hemm qabar tal-qassisin, u peress li kien iservi hemm ukoll, indifen hemm b'rispett. Minn tal-inqas, Dun Pankrazju kellu 53 sena meta miet. Dan ngħiduh kieku ħa l-Ordni tal-Presbiterat fl-1542 (ara fuq), imma seta' ħadha qabel.

L-identifikazzjoni ta' Dun Pankrazju Cafor ma' Dun Brankatu Gafà hija kkonfermata mill-fatt li l-Caforijiet tar-reġistru ta' Birmiftuħ isiru Gafaijiet fir-reġistru ta' Ħal Kirkop. Fl-istess waqt, waqt li f'Birmiftuħ ma nsibux "Gafa'", f'Ħal Kirkop ma nsibux "Cafor".

Għalhekk, Ġwanni Cafor, minn Ħal Kirkop, iżżewweġ lil Ġovanna Cassar, ukoll minn Ħal Kirkop f'Birmiftuħ fis-27 ta' Lulju, 1567,[21] u miet f'Ħal Kirkop bil-kunjom miġjub bħala "Gafà" fid-19 ta' April, 1635, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop;[22] u miż-żwieġ ta' Anġlu Cafor, minn Ħal Kirkop, ma' Ġovanella Muscat, minn Ħal Luqa, li seħħ f'Birmiftuħ fit-2 ta' Mejju, 1620,[23] insibu dawn it-tfal mgħammda fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop bil-kunjom Gafà: Marija (13.12.1627), Ġwanni Pietru (24.4.1629), Grazzja (1.4.1633), Marija (26.1.1636), Katerina (23.11.1638).[24] Anġlu miet f'Ħal Kirkop bil-kunjom miġjub bħala "Gafà" fil-11 ta' Awwissu, 1662, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop. Ġovanella "Gafà" mietet f'Ħal Kirkop fid-29 ta' Settembru, 1669, u ndifnet fil-Knisja Parrokjali ta' Ħal Kirkop.[25]

L-identifikazzjoni hija kkonfermata mill-fatt l-ieħor li, barra Dun Pankrazju, ma jissemma ebda qassis ieħor minn Ħal Kirkop, barra mill-istess Dun Brankatu, sal-1702 meta jissemma għall-ewwel darba Dun Gabriel Ellul bħala xhud fiż-żwieġ tat-12 ta' Frar ta' dik is-sena bejn Duminku Magro, bin Kaspru u Marija, mill-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu, Valletta, u Kjara Grech, bint Xandru u Marija, minn Ħal Kirkop.[26] Ifisser ukoll li, kieku Dun Brankatu ma kienx Dun Pankrazju, kieku fir-reġistru ta' Birmiftuħ konna niltaqgħu ma' Dun Brankatu bħalma lqtajna ma' Dun Pankrazju.[27]



Il-paġna mir-reġistru tal-imwiet li tiddokumenta l-mewt ta' Dun Pankrazju Cafor fl-24 ta' Diċembru 1595 u (taħt) Dettall mill-istess reġistru fejn jidher l-isem Reverendo Branchato Gafor



It-Tieni Qassis minn Ħal Kirkop

Dun Gabriel Ellul, bin Duminku u Tereża, twieled fl-14 ta' Ottubru, 1670, u tgħammed tlett ijiem wara fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop.[28] Dan ifisser li mill-1595, meta miet Dun Pankrazju, sa madwar 1692, meta Dun Gabriel seta' qaddes ta' 22 sena, Ħal Kirkop, għal kważi mitt sena, ma tax qassisin. Iktar fuq Dun Gabriel nistgħu nitkellmu s-sena d-dieħla.

*Horatio Caesar Roger Vella huwa Professur tal-Latin u tal-Grieg fl-Università ta' Malta.

Riferenzi

Aquilina, G. u S. Fiorini edi. (2001). *Documentary sources of Maltese History. Part IV: Documents at the Vatican. No. 1: Archivio Segreto Vaticano: Congregazione Vescovi e Regolari. Malta: Visita Apostolica no. 51: Mgr Petrus Dusina, 1575*. Malta, Malta University Press.

Aquilina, J. (1990). *Maltese-English dictionary*. Vol. II. Malta, Midsea Books Ltd.

Borg, V. (2009). *The Maltese Diocese during the sixteenth century*. Vol. II. Malta, Gutenberg Press Ltd.

Fiorini, S. (1999). *Documentary sources of Maltese History. Part II: Documents in the State Archives, Palermo. No. 1: Cancelleria Regia: 1259-1400*. Malta, Malta University Press.

Fiorini, S. (2005). *Documentary sources of Maltese History. Part I: Notarial Documents. No. 3: Notary Paulo Bonello MS. 588: 1467-1517; Notary Giacomo Zabbara MS. 1132: 1471-1500*. Malta, Malta University Press.

Vella, H.C.R. (2006). *Indiċi ta' ismijiet ta' nies minn Ħal Kirkop li jinsabu mniżżla fir-reġistri taż-żwiġijiet, magħmudijiet u mwiet f'Birmiftuħ u f'Ħal Kirkop mill-1550 sal-1840*. Malta, Concept Communications Ltd (Birkirkara).

Vella, H.C.R. (2014). *Il-Viżta Pastorali ta' Mons. Dusina fil-Parroċċa taż-Żurrieq. 1575*. Malta, Kunsill Lokali Żurrieq.

Referenzi

[1] Arkivju tal-Kurja tal-Arċisqof, *Atti Oriġinali* 28, f.21 (V. Borg [2009], 231).
[2] S. Fiorini (1999), 96.
[3] Antonju Cafor u Grazzja Azzopardi żżewġu fis-Siġġiewi (Arkivju Parrokkjali Siġġiewi, *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).
[4] H.C.R. Vella (2006), 40-41. Dan Valerju Cafor insulenta lil Dun Vinċenz Callus, miż-Żurrieq, u ġie rrapportat lill-awtoritajiet tal-Kurja (Arkivju tal-Kurja tal-Arċisqof, Atti tal-Kurja 34, f.126 u 136v. {V.Borg [2009], 2.238}).
[5] H.C.R. Vella (2006), 9.
[6] H.C.R. Vella (2006), 8.
[7] H.C.R. Vella (2006), 11.
[8] H.C.R. Vella (2006), 19.
[9] H.C.R. Vella (2006), 8-87.
[10] Arkivju tal-Kurja tal-Arċisqof, *Atti tal-Kurja* 33, f.109 (V. Borg [2009], 2.231).
[11] Arkivju tal-Kurja tal-Arċisqof, *Atti tal-Kurja* 33, f.124v. (V. Borg [2009], 2.231).
[12] Arkivju tal-Katidral ta' Malta, *Reġistru tad-Deliberazzjonijiet tal-Kapitulari* 1, f.63 (V. Borg [2009], 2.231).
[13] It-traduzzjonijiet li jidhru f'dan l-artiklu huma tiegħi.
[14] d'elemosina, *Aquilina et Fiorini*.
[15] obsolvendi *Aquilina et Fiorini*
[16] quinque *ms*.
[17] H.C.R. Vella (2013), 2.
[18] H.C. R. Vella (2006), 88-180.
[19] J. Aquilina (1990), *s.v.* "Pankrazju".
[20] H.C.R. Vella (2006), 173. Skont V. Borg (2009), 231, id-data tal-mewt kienet l-14 ta' Diċembru, 1595, iżda jiena segwejt ir-reġistru oriġinali.
[21] H.C.R. Vella (2006), 9.
[22] H.C.R. Vella (2006), 173.
[23] H.C.R. Vella (2006), 9.
[24] H.C.R. Vella (2006), 136-138.
[25] H.C.R. Vella (2006), 173.
[26] H.C.R. Vella (2006), 197 u 300.
[27] Aktar dwar l-identità ta' "Cafor" ma' "Gafa'", u "Pankrazju" ma' "Brankatu", ara S. Fiorini (2005), 267 *s.v.* "Gafà", u V. Borg (2009), 2.231.
[28] H.C.R. Vella (2006), 126.